19 ta' Ġunju, 1950.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Maria Assunta Bartolo *versus* Ersilia Lanfranco (*)**

## Appell — Sentenza — Board tal-Kera.

*Jekk sentenza tal-Board tal-Kera tkun inappellabili skond il-liġi, issir appellabili jekk fiha ssir riferenza għal sentenza oħra ta' l-istess Board li tkun appellabili.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Maria Assunta Bartolo, li ppremettiet li l-lum toqgħod fid-dar nru. 59 Rudolph Street, Sliema, li s-sid qiegħed jirreklama għalih b'rikors nru. 511/49 "Busuttil vs. Bartolo"; li hi tista' tmur toqgħod komodament fid-dar tagħha stess nru. 26 Main (recte "High") Street, Sliema, mikrija lill-intimata; u talbet li terġa' tieħu taħt idejha din id-dar nru. 26 Main (recte "High") Street, Sliema;

*Omissis;*

(*) Din is-sentenza ġiet maqtugħa wara dik mogħtija fl-istess jum 19 ta' Ġunju 1950 fil-kawża "Busuttil vs. Bartolo" (publikata).

Maqtugħa fil-meritu fis-27 ta' Novembru 1950.

**Rat is-sentenza tal-Board li jirregola l-Kera tal-24 ta' April 1950, li biha dak il-Board ċaħad** it-talba; bl-ispejjeż mingħajr **taxxa; billi kkunsidra;**

**Illi l-erba' postijiet li hemm "available"** għall-intimata, **u li huma ndikati fis-sentenza** mogħtija l-lum stess **fir-rikors nru. 511/49, ma humiex kunsidrati "suitable" għall-intimata: u allura r-rikorrenti, la darba** hija **stess** mhix sejra tiġi **kundannata tiżgombra** mill-**post fejn** toqgħod, ma għandha **ebda raġuni tottjeni kontra l-intimata** kundanna ta' żgumbrament. U **saret riferenza espressa għas-sentenza** mogħtija **dak** in-nhar **stess fir-rikors** nru. 511/ **1949 fl-**ismijiet "Busuttil vs. Bartolo", **tant għall-parti espożitiva** kemm **għall-parti** dispożitiva **tagħha;**

Rat ir-rikors ta' l-attriċi, li bih dina talbet ir-revoka tas-sentenza tal-Board fuq imsemmija tal-24 ta' April 1950, u l-laqgħa tat-talba tagħha; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità;

Illi fis-sentenza appellata saret riferenza espressa għas-sentenza li l-Board kien ta fil-kawża fuq ir-rikors nru. 511 ta' l-1949 in re "Busuttil vs. Bartolo", maqtugħa fl-24 ta' April 1950, tant għall-parti espożitiva kemm għall-parti dispożitiva tagħha, u ż-żewġ kawżi kienu ġew trattati kontestwalment. U tabilħaqq bejn iż-żewġ kawżi kien hemm konnessjoni kbira, tant li, kif deher mis-sentenza mogħtija fil-kawża preżenti, l-eżitu ta' din il-kawża kien jiddependi mill-eżitu tal-kawża l-oħra; u t-talba ġiet miċħuda għax ġiet miċħuda t-talba fil-kawża l-oħra. Fis-sentenza tal-kawża l-oħra kien ġie definit pont ta' dritt, relativ għall-interpretazzjoni tal-liġi fuq il-kriterji ġuridiċi tal-valutazzjoni tal-"hardship". Għalhekk, in vista tar-riferenza għal dik is-sentenza appellata f'din il-kawża ġie definit l-istess pont ta' dritt, u rrendiet ruħha appellabili kif ġiet dikjarata appellabili wkoll is-sentenza fil-kawża l-oħra fuq imsemmija;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità; bl-ispejjeż kontra l-intimata appellata.